# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 205/2021

Seduta tal-4 t'Ottubru 2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Antoine Portelli**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Antoine Portelli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 248066M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ghax-xhur ta' Settembru 2020 u Ottubru 2020 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Marthese Portelli u/jew lil uliedu s-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-

jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha thallas dik is-somma;

2. U aktar talli wara li kien avzat kemm bil-fomm, kif ukoll b'avviz bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi f'ghassa tal-Pulizija, naqas li jattendi f'ghassa sabiex jaghti dak it-taghrif u/jew igib mieghu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinhtiegu fuq xi investigazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Gunju 2021 fejn il-Qorti sabet lil imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet u kkundannatu hlas ta' multa ta' mitt Euro (€100.00);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Antoine Portelli pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Lulju 2021, li bih talab lil dina il-Qorti sabiex **tirrevoka** s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih jew b'mod sussidjarju, li tvarja l-piena mposta b'piena aktar ekwa u gusta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravam dwar is-sejbien ta' htija u iehor dwar il-piena kominata. Fl-ewwel aggravju jressaq l-istess argument li ressaq quddiem l-ewwel Qorti, jigifieri li huwa kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment dovut u mertu tal-imputazzjoni ghaliex kien kolpit b'mandat ta' sekwestru mahrug mill-istess parte civile u li kawza ta' hekk kien jifdallu biss is-somma ta' €800 li biha kellu jhallas il-manteniment, *home loan* , l-ghixien ta' bintu li tghix mieghu u spejjez ohra;

2. Illi quddiem l-ewwel Qorti, l-imputat *ex admissis* kkonceda li dejjem kien tardiv fil-hlas tal-manteniment u dan b'xahar jew xaharejn izda dan ghaliex kien imhabbat hafna fuq ix-xoghol u kien iheggeg lill-parte civile tibghatlu messagg biex tfakkru. Minkejja dan, dejjem hallas dak li kien dovut. Gara izda li l-istess parte civile ottjeniet mandat ta' sekwestru fuq il-paga tieghu u ghalhekk jista' jircievi biss €800 fix-xahar u bil-hlasijiet li jaghmel ma ghandux biex jghix. Jghid ukoll li qatt ma pprezenta rikors biex inehhi dan is-sekwestru u jaqbel li hu moruz fil-hlas tal-manteniment ghax-xhur mertu tal-imputazzjoni;

3. Il-kwerelanta xehedet illi fil-mori tal-kawza l-imputat ghamel pagament ghal-manteniment dovut ghall-Lulju, Awwissu, Settembru u Ottubru tas-sena 2020;

4. Illi mid-dokumenti esebiti konsistenti f'kopja ta' zewg sentenzi kif ukoll mid-deposizzjoni tax-xiehda, ma hemm l-ebda dubju li l-imputat hu dovut ihallas manteniment ghax-xhur lamentati u dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwaru. Kif inghad *supra*, izda, l-imputat jikkontendi li kien fl-impossibilita' li jhallas minhabba dan is-sekwestru inkombenti l-assi tieghu.

5. In sostenn tal-argument tieghu, l-appellant jiccita is-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-12 ta' Marzu, 2009 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gaetano Micallef li huwa ukoll kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment, ossia nuqqas tieghu fejn il-Qorti qieset li l-appellant kien fl-impossibilta' li jissalda d-debitu tieghu ta' €349.65 fix-xahar meta jippercepixxi biss €200 mensilment. Il-Qorti, izda, tfakkar fil-monitu wisq drabi ritenut, illi kull kaz ghandu jkun ezaminat u deciz fuq il-fatti speci tieghu. Tfakkar ukoll illi s-sentenzi tal-qrati ghandhom l-ghan illi jkunu ta' fonti ta' perswazzjoni ghall-argument mressaq u ma joholqu l-ebda

precedent. Huwa mportanti li dan jinzamm fil-mira meta tkun diskussa s-sitema guridika taghna a differenza ta' gurisdizzjonijiet ohra;

6. Kif tajjeb osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-21 ta' Novembru, 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Karl Bonello:

> **"Illi umbaghad apparti li din il-Qorti ma rrizultaliex li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu skond id-Digriet tas-Sekond'Awla fil-perjodu in kwistjoni, kif isostni** ANTOLISEI **fil-"*Manuale di diritto* Penali" {Parte Generale, Giuffre' (Milano) 1989, p.376.}, l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza. (App. Krim.** Pul. Vs. Kang Se ll **[ 28.7.94] per V. De Gaetano J)"**

Din il-Qorti taghmel taghha l-insenjament emergenti minn din is-sentenza u meta applikat ghall-kwistjoni in disamina jirrizulta li huwa ezercizzju pjuttost difficcli dak mistenni mill-Qorti li tiddeciedi jekk kien hemm dik l-impossibilita' li telimina l-kolpevolezza o meno tal-imputat ghaliex ftit li xejn spjega f'hiex tikkonsisti din l-impossibilta'. Din il-Qorti ma tistax tassumi r-raguni tal-mandat ta' sekwestru mahrug kontra l-assi tieghu u jekk dan sarx kwantu l-manteniment dovut lill-ulied u dan ghaliex l-imputat ma spjegax aktar minn hekk. Id-difiza tal-impossibilita', izda, ma tistax tkun aktar konsiderata la darba fil-mori tal-appell l-imputat hallas dak kollu minnu dovut. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra t-tieni gravam rigwardanti l-piena erogata;

7. Illi l-ewwel Qorti kkominat piena li hija fil-parametri ghar-reat li dwaru l-imputat instab hati u kif kostantement deciz minn din il-Qorti, ma hux normali li tkun disturbata d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'juri li

din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata. Irid jinghad, izda, illi f'kawzi ta' mertu konsimili, l-ghan tal-legislatur ikun milhuq meta l-imputat jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti jew mal-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas dak il-manteniment li hu intiz ghall-ghixien tal-ulied jew tal-parti civile. U f'dan ir-rigward ta' spiss issir eccezzjoni u hekk ser isir f'dawn il-proceduri wara li l-parte civile ddikjarat illi fil-mori irceviet il-hlas kollu lilha dovut. Il-parte civile marret oltre minn hekk billi ddikjarat li qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, izda dan ma huwiex possibbli stante li din l-azzjoni mhix wahda li ghandha titmexxa fuq it-talba tal-parti;

8. Irid jinghad ukoll illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa ghall-ahhar u ghalhekk ghandu jitqies bhala *first time offender* tant li dan ser jittiehed in konsiderazzjoni fil-parti decizorja ta' dan l-appell;

9. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata, tilqa' t-talba ghar-riforma taghha u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti li biha l-imputat kien ikkundannat ghal terminu ta' xahar (1) prigunerija u minflok, fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mil-lum. Il-Qorti fissret fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.